Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 546/2003**

tas-27 ta' Marzu 2003

dwar ċerti notifiki li jirrigwardjaw l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75, (KEE) Nru 2777/75 u (KEE) Nru 2783/75 fis-setturi tal-bajd u l-laħam tat-tjur

(ĠU L 81, 28.3.2003, p. 12)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2009 tal-15 ta' Ġunju 2009	L 151	22	16.6.2009

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 546/2003

tas-27 ta' Marzu 2003

dwar ċerti notifiki li jirrigwardjaw l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75, (KEE) Nru 2777/75 u (KEE) Nru 2783/75 fis-setturi tal-bajd u l-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI TALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-bajd ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 493/2002 ([2]), u partikolarment l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tat-tjur ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 493/2002 ([4]), u partikolarment l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar is-sistema komuni għall-ovalbumina u l-laktalbumina ([5]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2916/95 ([6]), u partikolarment l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 572/1999 tas-16 ta' Marzu 1999 li jikkonċerna ċerti komunikazzjonijiet reċiproki bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni li jirrigwardjaw il-bajd u l-laħam tat-tjur u jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1527/73(6) introduċa sistema li biha l-Istati Membri u l-Kummissjoni jinnotifikaw lill-xulxin bil-prezzijiet fis-swieq tal-bajd u tal-laħam tat-tjur, bil-għan ta' l-amministrazzjoni soda tagħhom.

(2) L-esperjenza indikat ħtieġa li jsir xi titjib fis-sistema. Ir-Regolament (KE) Nru 572/1999 għandu għalhekk ikun mibdul.

(3) Il-prezzijiet ta' kull ġimgħa għandhom ikunu nnotifikati lill-Kummissjoni b'sistema ta' trasmissjoni ta' data eletronika aċċettabbli għaliha u l-prezzijiet għandhom ikunu disponibbli għal konsultazzjoni b'mezzi eletroniċi.

(4) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Bajd u l-Laħam tat-Tjur,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

▼M1

1. Sa mhux aktar tard minn 12:00 (ħin ta' Brussell) kull nhar ta' Erbgħa, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni elettronikament:

([1]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 49.
([2]) ĠU L 77, ta' l-20.3.2002, p. 7.
([3]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77.
([4]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 104.
([5]) ĠU L 305, tad-19.12.1995, p. 49.
([6]) ĠU L 70, 17.03.99, p. 16.

▼M1

(a) il-prezz tal-bejgħ fl-istabbilimenti tal-ippakkjar għall-bajd tal-klassi A minn tiġieġ fil-gaġeġ, jiġifieri l-medja tal-kategoriji L u M, jew, fejn il-produzzjoni fil-gaġeġ ma għadhiex rappreżentattiva, il-prezz tal-bejgħ tal-bajd prodott minn tiġieġ tal-bidien miżmuma f'sistema tal-matmura, filwaqt li jindikaw li l-prezz tal-bejgħ jirreferi għal bajd prodott fil-matmura;

(b) il-prezz tal-bejgħ fl-impjanti tat-tbiċċir jew il-prezzijiet bl-ingrossa rreġistrati fis-swieq rappreżentattivi għal tiġieġ sħiħ tal-klassi A magħrufa bħala "tiġieġ tal-65 %", jew inkella għal preżentazzjoni oħra ta' tiġieġ sħiħ, jekk tkun aktar rappreżentattiva.

▼B

2. Il-prezzijiet referuti fil-paragrafu 1 għandhom ikunu l-prezzijiet medji fil-ġimgħa li tippreċedi l-ġimgħa tan-notifika. Dawn għandhom jeskludi l-VAT u jkunu espressi fil-munita nazzjonali għal kull 100 kg.

3. L-Istati Membri għandhom jadottaw mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2003 sistema tat-trasmissjoni eletronika tad-data li tkun aċċettabbli għall-Kummissjoni.

Artikolu 2

Mill-anqas darba fix-xhar fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Ġestjoni, il-Kummissjoni għandha tipprovdi sommarju tal-prezzijiet notifikati permezz ta' l-Artikolu 1 u għandha tagħmilhom disponibbli għall-Istati Membri fuq il-website tagħha.

Artikolu 3

Ir-Regolament (KE) Nru 572/1999 huwa hawnhekk imħassar.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament lill-Istati Membri kollha.